MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 566/2005

**Thomas Smith Insurance Agency Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Pace bil-polza u bil-ligi u l-istess John Pace**

**Vs**

**Marco Vassallo u b'digriet tal-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006 Dottor Beppe Fenech Adami gie nominat kuratur deputat sabiex jirrappresenta lil imsiefer Marco Vassallo u GasanMamo Insurance Limited kif ammessa li tintervjeni in statu et termine skond digriet tal-Qorti nhar it-13 ta' Ottubru 2006**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Novembru 2005 fejn talbet lil Qorti tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident stradali li sehh nhar l-erbgha (4) ta' Novembru 2003 fil-ByPass tal-Mellieha (Triq Lewis Wettinger) bejn il-vettura

bin-numru ta' registrazzjoni DAE 418, misjuqa minnu u l-vettura tal-marka Toyota 306 bin-numru ta' registrazzjoni RIT 090, proprjeta ta' John Pace u li kienet qed tinsaq minn Jason Tonna assikurata mas-socjeta attrici, fejn korrew b'mod gravi, kemm il-konvenut kif ukoll Jason Tonna, liema ncident sehh unikament minhabba mperizja, negligenza u traskuragni fis-sewqan da parti tal-konvenut, kif ukoll nuqqas t'osservanza tat-traffiku, senjatament ghal fatt li huwa kien qieghed isuq b'velocita eccessiva u ma kellux il-kontroll tal-vettura tieghu, tikkundannah ihallas l-ammont totali ta' tlett elet mitejn u hmistax il-lira maltin (LM3,215) rapprezentanti danni kagunati minnu lilhom per konsegwenza ta' dan l-incident, li minnhom tlett elef mija u hamsa u sittin lira maltin (LM3,165) huma dovuti lis-socjeta assikuratrici Thomas Smith Insurance Agency, filwaqt li l-kumplament, u cioe hamsin lira maltin (LM50), huma dovuti lill-assikurat John Pace.

Bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghu, inkluzi dawk tal-Ittra Interpellatorja t'Ottubru 2004, tal-Ittra Ufficcjali spedita f'Ottubru 2005, kif ukoll ta' dik ipprezentata kontestwalment ma dan l-avviz lill-kumpanija assikuratrici tieghu u bl-ingunzjoni li ghaliha min issa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Dottor Beppe Fenech Adami nomine fejn eccepixxa s-segwenti:-

*Illi huwa ma huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirriserva li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba huwa jigi edott mill-fatti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-rikors tas-socjeta GasanMamo Insurance Limited fejn ippremetta s-segwenti:-

"*Illi l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet proprjeta ta' missieru Henry Vassallo u kienet assikurata mas-socjeta rikorrenti taħt polza tal-assikurazzjoni tat-tip third party only u kienet tkopri lill-imsemmi Henry Vassallo u*

*sewwieqa minnu awtorizzati tal-eta ta' hamsa w ghoxrin (25) sena jew aktar.*

*Illi fil-gurnata tal-incident, il-konvenut Marco Vassallo kellu l-eta ta' erbgha w ghoxrin sena (24) u kwindi ma kienx kopert taħt il-polza assikurattiva fuq imsemmija.*

*Illi l-artikolu 10(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta jimponi obbligu fuq is-socjeta esponenti, li ladarba tkun innotifikata b'att gudzzjarju, ghandha dmir fis-sens illi:-*

*"…ghad illi l-assikuratur ikun jista jannulla jew ihassar… huwa ghandu… jhallas lill-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza kull somma flus li ghandha tithallas bis-sahha ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbilita fuq imsemmija kompriz li jmiss jithallas ghal spejjez w ghal imghaxijiet fuq dik is-somma…"*

*Illi 'n oltre jidher prima facie li t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista titqajjem minn kull kreditur jew persuna ohra li ghandha l-interess li jinqdew bil-preskrizzjoni.*

*Illi kwindi, s-socjeta esponenti ghandha interess car u evidenti fl-ezitu tal-kawza odjerna u dana sabiex tissalvagwardja d-drittijiet taghha stess."*

Konsegwentement talab "*ghar-ragunijiet fuq esposti u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-istess esponenti kontra l-partijiet f'dina l-kawza nkluz l-assikurat taghha Henry Vassallo, li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza lis-socjeta GasanMamo Insurance Limited sabiex tintervjeni fil-kawza odjerna in statu et terminis u li tipprezenta dawk l-eccezzjonijiet kollha permessi bil-ligi u dan filwaqt illi tordna kwalunkwe provvediment iehor li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn ordnat in-notifika lill-kontendenti bi zmien erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat illi fis-seduta tat-tlettax (13) t'Ottubru 2006 il-kontendenti rrimettew ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti u f'dik l-istess seduta l-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti.

Rat illi Dottor Beppe Fenech Adami ghall-konvenut ecepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-attur li biha ppresenta l-Ittra Ufficcjali fl-ismijiet 'Thomas Smith Insurance Agency Ltd noe et vs Marco Vassallo' datata wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2005, flimkien mar-riferti relattivi.

Rat in-nota ta' sottomissjoni tas-socjeta attrici pprezentata fl-atti fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Jannar 2007 ipprezentata 'n linea mal-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Vassallo** deciza nhar sitta w ghoxrin (26) ta' Frar 2004 esebita fl-atti a fol. 36 fejn fuq ammissjoni tal-imputat, illum konvenut stess huwa kien instab hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu fosthom l-akkuza ta' sewqan b'mod traskurat u negligent u talli kkaguna ferita ta' natura gravi b'mod involontarju fuq il-persuna ta' Jason Tabone u talli ghamel hsara involuntarja fuq il-vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registazzjoni RIT-080 proprjeta ta' John Pace.

Rat in-nota ta' referenza tas-socjeta attrici pprezentata ai fini tal-eccezzjoni sollevata mill-konvenut bazata fuq l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Rat is-sentenza preliminari fl-ismijiet premessi moghtija minn din il-Qorti kif preseduta nhar l-hamsa (5) ta' Marzu 2009 esebita a fol. 84 et seq tal-atti, fejn din il-Qorti kienet cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut dwar l-preskrizzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami kif prezentata fl-atti nhar il-hamsa (5) ta' Novembru 2008 li

permezz taghha huwa esebixxa l-korrispondenza li huwa kellu ‘n konnessjoni ma din il-kawza.

Rat d-dokumenti esibiti mill-attur waqt s-seduta tat-tmienja t’Ottubru 2009 (fol. 101 et seq tal-atti) li permezz taghha esebixxa kopja tal-Inkjesta Magisterjali dwar l-incident de quo, kopja tas-*survey report* fuq il-vettura tal-assikurat taghha, *acceptance* u *discharge letter* u ricevuta tat-*towing* immarkati bhala Dok. CG 1 sa CG 5 rispettivament.

Rat wkoll l-Kapitolu tas-socjeta atticiipprezentat waqt s-seduta ta’ nhar l-Hamis, hamsa (5) ta’ Novembru 2009 ghas-subizzjoni tal-konvenut u rat li fis-seduta sussegwenti l-konvenut ma deherx sabiex jixhed in subizjoni u lanqas sabiex jikkontesta t-talba attrici.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti rat id-digriet taghha ta-l-wiehed w ghoxrin (21) ta’ Gunju 2005 fejn kienet innominat lil Dottor Beppe Fenech Adami bhala kuratur deputat tal-assenti konvenut Marco Vassallo.

Rat illi ghalkemm Dottor Beppe Fenech Adami ttanta jikkomunika mal-patrocinat tieghu, izda dan kien bla success, tant li l-konvenut m’ikkomunikax lura mieghu.

Illi bhala provi dwar il-mertu sabiex jikkontradixxi dak li qed tallega s-socjeta attrici, l-konvenut ma gabx w ghalhekk illum, il-kawza tinsab differita ghas-sentenza fuq il-mertu u cioe fuq t-talba tas-socjeta attrici a bazi tal-prova dokumentarja ppresentata mis-socjeta attrici.
Illi huwa minnu li proceduri kriminali u dawk civili huma distinti u separati, pero din il-Qorti ghandha quddiemha s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-vesti taghha ta’ kompetenza kriminali w il-Qorti nnotat li f’dik il-kawza l-konvenut kien irregistra ammissjoni ta’ htija bla rizserva ghad-drittijiet civili tieghu u dan dwar is-sewqan traskurat u negligent tieghu.

Illi din il-prova fl-ebda hin ma giet kontestata minnu f'dan l-ambitu.

Il-Qorti rat li s-socjeta assikurtrici GasanMamo Insurance Limited talbet li tigi ammessa bhala ntervenuta *'n statu et termine* fl-interess tal-assikurat taghha l-konvenut u li l-Qorti kienet laqghet it-talba nhar it-tlettax (13) t'Ottubru 2006 (fol. 30).

**Illi din il-kawza hija skarsa min xhieda okulari, izda ghandha diversi provi dokumentarji w ghalhekk, fid-dawl ta' dak kollu fuq citat u fid-dawl ta' dak kollu li jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita, ssib li t-talba attrici ghandha tigi milqugha, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, stante li diga nghata gudizzju dwarha, tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement tiddikjara li l-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-erbgha (4) ta' Novembru 2003, sehh tort unikament tal-konvenut minhabba mperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.**

**Ghalhekk, qieghda tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta attrici Thomas Smith Insurance Agency Lmited dik is-somma mitluba fl-avviz ta' tlett elef mija hamsa w sittin lira maltin (LM3,165) ekwivalenti ghal sebat elef tlett mija tnejn u sebghin euro u disgha w erbghin euro centezmu (€7372.49) w is-somma ta' hamsin lira maltin (LM50) ekwivalenti ghal mija u sittax il-euro u sebgha w erbghin euro centezmi (€116.47) lill-attur John Pace.**

**L-ispejjez ta' u bl-imghax skond il-ligi jihallsu mill-konvenut Marco Vassallo.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------